

# Hector Dalli (1914-1980)



minn Joe Julian Farrugia

*Wiret il-bakketta ta' surmast tal-banda mingħand missieru. Għex ġo familja fejn l-aħwa kollha kienu jdoqqu xi strument mużikali jew tnejn. Segwa l-passi ta' missieru saħansitra fil-kompożizzjoni. Ċerti kitbiet tiegħu raw id-dawl wara mewtu Joe Julian Farrugia intervista lil Renald Dalli, iben il-personalità magħrufa ta' dan l-artiklu.*



Il-Każin tal-banda huwa lok ċentrali tal-belt jew raħal. Fih jiltaqgħu n-nies, jitkellmu, jiddiskutur, jippjanaw attivitajiet lokali, jieħrdu grokk jew pinta u r-rota ddur. Ħafna mill-każini jiffurmaw parti importanti mill-istorja tal-post. Fi żminijiet meta n-nies ma kinitx toħroġ mir-raħal għal xejn b'xejn, il-każin kien ukoll iċ-ċentru tad-divertiment, edukazzjoni u kultura tar-raħlin. F'ħafna rħul ssib aktar minn każin wieħed. Issib minnhom li jiċċelebraw festi differenti. Issib oħrajn li jiċċelebraw l-istess festa. Sfortunatament, f'ħafna minn dawn il-każi ssib pika li ilha tinħema s-snin. U r-raħlin ikunu ttimbrati. Min ma' każin u min ma' ieħor. Min aħmar, min aħdar u min blu. M'hemmx kompromessi. Diffiċli ssib nies li jkunu għamlu isem ma' żewġ każini opposti. Fir-raħal taż-Żejtun, iżda, l-isem tas-Surmast Dalli ssibu fiż-żewġ każini. Kien surmast tat-tnejn, bħalma kien ukoll missieru.

Hector Dalli twieled fiż-Żejtun fl-14 ta' Ġunju 1914. Kienu ħames aħwa, erba' subien u tifla, kollha wlied is-Surmast Giuseppe Maria u Evanġelista mwielda Mercieca. Il-bint, Maria, kienet iddoqq il-pjanu, filwaqt li s-subien Giovanni, Oscar u Eddie kienu bħal Hector ilkoll bandisti taħt it-treġija ta' missierhom.

Missierhom kien surmat tal-Banda Beland. Lejn tmiem is-snin għoxrin, imbagħad, meta fl-istess raħal kien ġie ffurmat il-Labour Jazz Band, Giuseppe Maria kien wieħed mill-membri fundaturi kif ukoll l-ewwel surmast. Eventwalment din il-Jazz Band baqgħet tiżviluppa f'dik li llum hi magħrufa bħala l-Banda Żejtun. Minħabba dan is-sehem tal-missier fil-Jazz Band, ma setax jonqos li l-ulied ma jimxux warajh u jsiru parti mill-għaqda l-ġdida huma wkoll.

Infatti Hector kien ilu mill-età ta' 9 snin idoqq il-flikornu u aktar tard il-kurunetta mal-Banda Beland. Kien idoqq il-pjanu tajjeb ħafna u f'żgħożitu kien il-pjanista residenti fis-sala taċ-ċinema tal-Laċċi fiż-Żejtun stess fi żminijiet meta l-films kienu *silent*. Naturalment bħala pjanista, Hector kien ried jaddatta d-daqq tiegħu skont ix-xejra tal-azzjoni li tkun għaddejja fuq il-liżar.

Hector kien, kif wieħed jistenna, beda l-istudju mużikali tiegħu taħt id-direzzjoni ta' missieru u aktar tard kompla jitħarreġ l-armonija, il-kontrapunt u l-orkestrazzjoni taħt is-Surmast Casapinta. Fl-1939 għadda mill-eżamijiet tal-London College of Music bid-dritt li wara ismu jibdew jidhru l-ittri A.Mus.L.C.M.

Meta missieru mara u ħass li ma setax ikompli jmexxi l-banda Żejtun, kienet għażla naturali li l-bakketta tgħaddi għand Hector, surmast żagħżugħ li mill-ewwel ħadem biex iħajjar aktar żgħażagħ Żwieten biex jitgħallmu l-mużika, isiru bandisti u jgħollu dejjem aktar l-isem tal-banda l-ġdida. Huwa baqa' jokkupa din il-kariga sal-1959. Waqt li kien surmast tal-Banda Żejtun, Hector għamel xi żmien jidderieġi wkoll il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar.

It-tieni gwerra dinjija fixklet ħafna attivitajiet. Il-festi esterni fil-bliet u rħula ma setgħux isiru bħal qabel, iżda meta kienu jsiru d-daqq ħelu tal-banda kien forsi jnessi xi ftit mid-dwejjaq li l-poplu kien għaddej minnu. Hector kien jagħmel parti mid-D.D.B. (*Dockyard Defense Battery*) u mhux l-ewwel darba li kienu jieħu l-*accordion* miegħu x-xogħol u joqgħod idoqq biex iferraħ lil sħabu. Mhux faċli tferraħ lin-nies fi żminijiet meta l-ħin kollu tistenna li ddoqq il-balomba, is-sinjal li jkun ġej il-ħbit mill-ajru u kulħadd jiġri b'li jkollu fuqu lejn ix-xelter.

Fl-eqqel tal-gwerra, waqt l-attakk magħruf fuq l-H.M.S. Illustrious li fih ġarrbet ħafna ħsara l-Kottonera kollha speċjalment l-Isla, Hector kien ġie stazzjonat fuq San Ġwann t'Għuxa, f'nofs il-ħbit. Tant kienu Żwieten fuq il-post dakinhar li meta għadda kollox u

bil-għajnuna ta' Alla, ħafna baqgħu ħajjin, kien ġie organizzat pellegrinaġġ ta' ħajr mill-Isla saż-Żejtun.

Iżda l-gwerra kienet providenzjali wkoll għal Hector. Għax kien proprju f'dak iż-żmien li ltaqa' ma' Aida mill-Isla u li aktar tard saret martu. Aida kienet fost il-ħafna familji li telgħu ż-Żejtun mill-Kottonera bħala refuġjati. Miż-żwieġ tagħhom, Hector u Aida kellhom tliet ulied, Olga, Lydia u Renald.

L-ewwel marċ hekk kif intemmet il-gwerra f'pajjiżna kien proprju tal-Banda San Mikiel, il-marċ tat-Te Deum għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Il-marċ kien kif mistenni brijuż aktar mis-soltu, minħabba li sa fl-aħħar il-poplu seta' jiċċelebra mingħajr it-theddida ta' xi attakk. Fih indaqqu ħafna marċi mill-pinna ta' Hector.

Minbarra ż-Żejtun u Ħaż-Żabbar, Hector iddierieġa wkoll il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, il-Banda Leone tar-Rabat Għawdex, il-Banda Santa Marija tal-Gudja u ġieli anke l-Banda Queen's Own tal-Isla. Fis-sena 1952 inħatar Surmast Direttur tal-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu, li llum iġġib l-isem ta' San Lawrenz. Bħala impjegat it-Tarzna, post fejn kien hemm il-krema tal-bandisti jaħdmu, Hector kien ukoll is-Surmat tal-Banda f'dik l-intrapriża.

Fis-sena 1955, reġa' lura lejn l-ewwel banda li daqq magħha, il-Banda Beland. Kien siefer is-surmast Baldacchino u s-segretarju Frans Gouder ħajjar lil Hector jerġa' jmur lura. Huwa nħatar Surmast Direttur u hemmhekk kiteb għadd ta' marċi brijużi biex jinġibdu ż-żgħażagħ lejn il-każin, jitgħallmu strument u wara jgħaddihom għall-mużika klassika. Taħt il-bakketta tiegħu, il-Banda Beland daqqet repertoju vast ħafna. Hawn baqa' surmast tal-Beland kif ukoll tal-Birgu sa mewtu.

Il-marċi brijużi li ħarġu mill-pinna ta' Hector Dalli huma ħafna. L-ewwel marċ li kien kiteb kien jismu Sweet Dreams. Marċi wkoll magħrufin huma Putatta, Lorenza, Victory, Victorius, Lucia, Cardenia, Anniversarju, Lill-Ħbieb, Hecdal, Asswero, Flamingos u Golden Trumpets fost oħrajn. Kiteb ukoll marċi funerbi u llum hawn uħud minnhom irrekordjati fuq CD b'kompożizzjonijiet ta' Hector u missieru. Kiteb ukoll poemi sinfoniċi, sinfoniji, preludji u *suites* mużikali. Il-kitbiet tiegħu nsibuhom imxerrda ma' ħafna każini tal-banda ma' Malta kollha. Kemm-il darba kien jikteb u jħallihom hemm. Infatti wara mewtu nstabu ħafna kompożizzjonijiet bil-lapes, mingħajr isem li qatt ma kienu ndaqqew qabel.

Hector ta sehmu mużikali fil-qasam politiku wkoll. Huwa kien responsabbli għall-arranġament tal-Innu tal-Partit Laburista u kkompona l-istess introduzzjoni tiegħu. Kiteb ukoll l-Innu tal-Għaqda Żgħażagħ Soċjalisti fuq kliem ta' Ray Mahoney.

Fil-ħin liberu, Hector kien iħobb jaqra. Kien jippreferi speċjalment il-bijografiji. Bħala kompożitur favorit kellu lil Tchaikovsky. Ma kienx bniedem li jipprattika xi sport, iżda meta jkun hemm xi attività sprotiva fuq it-televiżjoni, kien isegwi. Infatti kien bniedem dilettant ħafna tal-iskrin iż-żgħir. Meta kien ikun hemm Sanremo jew xi serata mużikali kien ikun fil-ġenna. Kien iħobb jisma' lil Claudio Villa u lil Caterina Caselli. Kien iħobb ukoll iċ-ċinema u l-artisti favoriti tiegħu kienu Richard Burton u Sophia Loren.

Il-wirt mużikali baqa' għaddej minn ġenerazzjoni għall-oħra. Lydia, bint Hector li llum toqgħod il-Kanada, iddoqq il-vjolin. Bintu l-oħra Olga, residenti wkoll il-Kanada, iddoqq ukoll u binha Reggie huwa vjolinista ewlieni f'waħda mill-orkestri magħrufin f'dak il-pajjiż. Kumbinazzjoni, minbarra n-nannu Hector, in-nannu l-ieħor ta' Reggie huwa l-magħruf Charles Clews, verament neputi kulturali.

Wara li tani l-informazzjoni dwar ħutu, staqsejt lil Renald jekk hu kienx idoqq xi ħaġa u bid-daħka weġibni: ir-radju! Qalieli b'ċajta, iżda veru wkoll li huwa wieħed mid-diretturi ta' stazzjon mhux biss tar-radju iżda tat-televiżjoni wkol: Super One.

Hector Dalli miet fl-1 ta' Novembru 1980 fir-residenza tiegħu f'Raħal Ġdid. Minbarra l-wirt mużikal f'forma ta' kompożizzjonijiet li ħalla lill-kultura Maltija, u l-ħajra mużikali li ħalla fil-familja, ħalla wkoll l-imħabba lejn il-mużika lill-għadd ta' żgħażagħ bandisti. Mingħand is-Surmast Hector Dalli ħadu tagħlim u gwida tajba għall-ġejjieni tat-talent artistku tagħhom.

**Issieħeb fl-iskema**

**'Spiżerija'**

**Għal aktar informazzjoni kkuntattja lis-Sinjuri Henry Bonnici, Walter Pace jew lil Robert Baldacchino**